Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 569/2016

Il-Pulizja

Spettur Joseph Mercieca

Vs

Mario James

Illum 26 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Mario James detentur tan-numru tal-karta tal-identita' Maltija Nru. 235557M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xahar ta' Settembru, 2011 u/jew fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gzejjer:

1) Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg cioe' curkett *solitaire* li jiswa iktar minn elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin Euro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37), liema curkett kien misruq, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibeghu jew imexxih;

2) Akkuzat ukoll talli rrenda tuhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' sentenza

moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D.), nhar it-12 ta' Marzu, 2002, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Novembru, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 279(b), 334 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; sabet lill-imsemmi imputat **Mario James** hati tal-ewwel imputazzjoni, u kkundannatu ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat lill-imputat ihallas is-somma ta' erbat elef u sitt mitt Ewro (€4,600) lil Claude Sapiano fi zmien sitt (6) xhur millu, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario James, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Novembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati u lliberatu mit-tieni imputazzjoni;
2. Thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena;
3. F'kull kaz u sussidjarjament, thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena nflitta fil-konfront tal-appellant u minflokk tinfliggi piena aktar idonea skont ic-cikrostanzi ta' dan il-kaz;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant:

1. Illi l-appellant jibda sabiex gentilment jenfasizza illi fir-reat ta' ricettazzjoni, l-element intenzjonali *'jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gew minn provenjenza kriminuza'*. Dan gie kkonfermat ukoll fil-kwaza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima deciza nhar il-25 ta' Ottubru tas-sena 2002, fejn wara li ccitat lill-gurista Francesco Antolisei, l-Onorabbli Qorti sahqet li kien sta ghall-prosekuzzjoni li tipprova li l-appellant *'kien konsapevoli tal-provenjenza llecita'* tal-oggett merut tal-kawza.
2. Illi l-appellant jibda' sabiex l-ewwel u qabel kollox jeccepixxi li hekk kif irrizulta b'mod car u b'mod inkonfutabbli mill-provi pprezentati quddiem l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza, Maria Teresa Ambinette fl-ebda hin ma qaltlu li l-hagra li kien fih ic-curkett hija hagra prezzjuza. Fil-fatt Maria Teresa Ambinette tghid fix-xhieda taghha li ha kelliex idjha li dan kin djamant u li fil-fatt met nsteraq ic-curkett, hija ma haditx ic-certifikat li juri li l-agra tieghu kienet pprezjuza. Tikkonferma wkoll li lill-appellant hija fl-ebda hin ma qaltlu xejn fir-rigward tac-curkett in kwistjoni.
3. Illi hareg car mill-provi wkoll, illi Maria Teresa Ambinette ma kienitx l-ewwel darba li marret tixtri gol-hanut Gold Lady Jewellery u li l-appellant kien jafha bhala persuna ta' reputazzjoni tajba. Fil-fatt, irrizulta wkoll li qabel is-sejbien ta' htija in konnessjoni mas-serq tac-curkett inkwistjoni, hija kellha fedina penali netta. Ghaldaqstant, ma kellux ghalfejn jitqanqal xi dubju f'mohh l-appellant li dan ic-curkett kien misruq. Ic-cikrostanzi ma kienux bhal fejn persuna li jkun maghruf li hija fil-kriminalita' tmur tbiegh xi basket deheb fejn ikun car u ovvju li wiehed irid joqghod attent fuq dak li qieghed jixtri.
4. Illi barra minn hekk, l-appellant jaghmel referenza ghall-fatt li bhalma gie kkonfermat ukoll mix-xhud John Attard, l-appellant ma jinnegozjax fil-hagar pprezzjuz. John Attard stqarr li l-klijenti li jkollu l-appellant li jkunu nteressati f'hagar pprezzjuzi jigu riferuti lilu. Spjega wkoll li llum, bit-teknologija li hawn issib hagar li ma jkunux pprezjuzi li ma jintarfux minn djamanti.

5. Illi John Attard spjega wkoll li sabiex djamant jibqa' sabih u jirrifletti d-dawl kif suppost, dan irid jigi mnaddaf u dan minhabba l-fatt li jekk djament ma jitnaddafx, dan jigi opak u jitlef id-dawl minn go fih. Fil-fatt, gie kkonfermat mill-vittmi li l-istess curkett qatt ma kien tnaddaf. Konsegwentament, l-istess djamant ma kienx jemani l-istess dawl daqs li kieku dan kien gie mnaddaf kif suppost li jsir.
6. Illi fuq dawn il-punti suesposti, l-appellant umilment jissottometti li l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova li setghet b'xi mod turi xi intenzjoni kriminuzi li allegatament kellu. Lanqas l-ammont ta' kemm inxtara c-curkett ma jaghti dik l-indikazzjoni ghax fil-fatt, l-appellant hallas ezatt ghalih kemm kien jiswa dan ic-curkett f'deheb. Li kieku l-appellant hallas xi somma li kienet turi li l-appellant intebah li l-hagra li kellu curkett kienet wahda pprezjuza, dan kien juri l-intenzjoni kriminali rikjesta, izda fil-kaz odjern, l-appellant hallas biss tad-dehe ghax Maria Teresa Ambinette fl-ebda hin m'accennatlu li l-hagra kienet pprezjuza u l-appellant ma ntebahx b'dan il-fatt.
7. Illi ulterjorment, fuq il-kwistjoni tad-djament, l-appellant umilment jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza, fejn l-istess Qorti sehqet li huwa inverosimili li persuna li tmexxi negozju bhal dak ma taghrafx li ghandha hagra pprezjuza fuq curkett. Sussegwentement saret referenza ghall-fatt li tezisti ghodda bhal pinna li minnha johrog dawl partikolari, li meta jinxteghel fuq il-hagra, wiehed jinduna jekk ghandux djameant jew zirkonja u li huwa improbabbli li l-appellant m'ghandux din l-ghodda.
8. Illi l-appellant jibda sabiex gentilment jeccepixxi li l-ewel u qabel kollox, huwa qatt ma nnegozja fil-hagar pprezjuz u li fejn ikun hemm rikjesti ghal hagar pprezjuz, huwa jirreferi lill-klijenti ghand is-Sur John Attard. Fit-tieni lok, izid jenfasizza li l-pulizija ghamlet it-tfittxija taghha gewwa l-hantu fejn huwa impjegat u fl-ebda hin ma gie rrilevat li fl-istess hanut hemm xi ghodda sabiex jigu ccekjati l-hagar.

9. Illi l-appellant umilment jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') vs Paul Grech, deciza nhar it-9 ta' Novembru tas-sena 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hekk kif ppreseduta fil-proceduri fil-konfront tieghu, fejn l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ghall-massimu legali: *'quod non est in acti non est in mundo'* u ziedet tghid li: *'Biex issir gustizzja skont il-principju ta' dritt naturali u tal-Ligijeit tal-pajjiz, il-Qorti trid tillimtia ruhha biss ghal dak li gie prodott bhala prova f'dawn l-atti, u f'dawn biss, xejn iktar u xejn inqas'*. L-appellant umilment jissottometti li ma ngabet ebda prova f'dan is-sens u konsegwentament ma jistax titqies bhala prova l-probbabilita' o meno li kien hemm apparat bhal dan fil-hanut fejn kien impjegat huwa.
10. Illi finalment, l-appellant jaghmel referenza ghall-ktejjeb li kien jitnizzel fih id-deheb mixtri. Fis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti, saret enfazi fuq dan il-ktejjeb u ghaliex ic-curkett mertu ta' dan l-umli appell ma kienx mnizzel f'dan il-ktieb. L-appellant umilment jissottometti li tant kemm ma kellux x'jahbi fuq dan il-fatt li mill-ewwel informa lill-ufficjal prosekutur b'dan il-ktejjeb. Barra minn hekk, l-appellant izid jghid li c-curkett mixtri kien tant ta' importanza zghira li setgha nesa jnizzlu fuq dan il-ktejjeb.
11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant umilment jaghmel referenza ghall-piena inflitta fil-konfront tieghu. L-appellant jissottometti li l-piena inflitta fil-konfront tieghu hija tista' tghid identika ghal dik ta' Maria Teresa Ambinette, meta fil-fatt huwa ma kien involut b'ebda mod fis-serq inkwistjoni. Barra minn hekk izid jghid li huwa gie kkundannat ihallas l-ammont ta' erbat elef u sitt mitt Ewro (€4,600) lil Dr. Sapiano ghac-curkett misruq, meta dan l-ammont diga' gie mhallas lill-konjugi Sapiano minghand Maria Teresa Ambinette.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti jilmenta illi l-akkuza tar-ricettazzjoni qatt ma setghet tissussisti billi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-intenzjoni kriminuza fl-appellanti. Dan ghaliex fil-fehma tieghu ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika illi fil-mument illi huwa akkwista ic-curkett bid-djamant huwa

seta' kien a konoxxenza tal-provenjenza kriminuza tieghu. Inoltre lanqas il-prezz li hallas ghal dan ic-curkett ma tista' iservi ta' indikazzjoni peress illi huwa ma indunax li l-hagra prezzjuza ta' dan ic-curkett kienet fil-fatt djamant izda hassbu zirkonja u ghalhekk hallas ghal valur tad-deheb ta' dan ic-curkett biss.

Issa fir-reat tar-ricettazzjoni "***l'incriminazione mira ad impedire che, verificatosi un delitto, <u>persone diverse da coloro che lo hanno commesso</u> o sono concorsi a commetterlo si interessino delle cose proveniente dal delitto medesimo per trarne vantaggio.***[1]"

Minn din id-definizzjoni semplici li ighaddielna l-Antolisei johorgu zewg elementi essenzjali mehtiega sabiex jissussisti dan ir-reat u cioe' fl-ewwel lok irid necessarjament ikun sehh delitt. Fit-tieni lok imbaghad terzi persuni estranji ghad-delitt xjentement jakkwistaw jew jigu fil-pussess ta' l-oggetti derivanti minn dak id-delitt u dan dejjem bl-iskop li jiksbu xi vantagg.

Ikompli hekk l-Anolisei:

***"L'intervento di tali persone e'dannoso socialmente perche porta alla dispersione delle cose di provenienza delittuosa e ne rende piu' difficle il ricupero, consolidando in tal modo il pregudizio subito dalla vittima."***

Imbaghad dwar id-dolo mehtieg ighid hekk:

***"per l-esistenza del dolo si richiede anzittutto la volonta di acquistare, ricevere, occultare, intromettersi. Occorre inoltre la consapevolezza della provenienza delittuosa del denaro o delle altre cose acquistate ecc. Tale consapevolezza secondo***

[1] Antolisei – Manuale di Diritto Penale (Parte Speciale I):

***le regole generali deve ritenersi sussistente anche se nella mente del reo si sia affacciato il dubbio della provenienza delittuosa, ma, nonostante cio', egli abbia agito accettando il rishio di incorrere nelle sanzioni della legge."***

Imbaghad:

***"Oltre alla volonta e alla consapevolezza di cui abbiamo parlato, e' indispensabile il fine di procurare a se' o ad altri un profitto."***

Issa huwa fatt inkontestat illi c-curkett bid-djamant mertu ta' dan il-kaz huwa provenjenti minn serq – serq li sar minn certu Maria Teresa Ambinette bi hsara ghal konjugi Sapiano li maghhom kienet impjegata bhala fattiga. Dak li l-appellanti isib oggezzjoni ghalih fid-decizjoni impunjata huwa l-motivazzjoni li wasslet lill-Ewwel Qorti tikkonkludi illi meta huwa ipproceda ghall-akkwist tac-curkett minn ghand Ambinette necessarjament kien a konoxxenza tal-provenjenza illecita tieghu. Illi l-ewwel Qorti isejjes il-konkluzjonijiet taghha fuq diversi fatturi:

1. L-esperjenza twila ta' madwar tletin sena li l-appellanti jishaq li ghandu f'dan ix-xoghol tan-negozju tal-gojellerija.
2. Il-prezz baxx u irrizorju li thallas ghac-curkett fl-ammont ta' 60 ewro lil Ambinette meta huwa ippruvat li dan ic-curkett bid-djamant jiswa 'il fuq minn erbat elef ewro.
3. In-nuqqas minn naha ta'l-appellanti li jirregistra l-akkwist ta' dana ic-curkett fuq ktieb li kien izomm ghal ta'l-apposta fejn kien jirregistra akkwisti simili.
4. L-inverosimiljanza tal-affermazzjoni li jaghmel l-appellanti illi bhala bniedem f'dan in-negozju, ma kienx kapaci jaghraf id-differenza bejn djamant u zirkonja.

Issa ibda biex din il-Qorti taqbel ghal kollox ma' dawn l-erba' affermazzjoni li tasal ghalihom l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha. Dan ghaliex anke jekk ghal grazzja ta'l-argument din il-Qorti kellha temmen illi l-appellanti ma jifhimx fil-hagar prezzjuz, xortawahda kellu jaghmel il-verifiki tieghu qabel jixtri ic-curkett. Huwa stess ighid li kien jitlob il-parir ta' certu John Attard, li iressqu ukoll bhala xhud in difeza, u allura tistaqsi il-Qorti ghala ma talabx il-parir tieghu f'dan il-kaz ukoll? Certament illi l-appellanti, persuna li kien ilu fil-mistier ghal snin twal jista' minn daqqa t'ghajn jiddifferenzja curkett li jiswa sittin ewro minn dak li jiswa kwazi hamest elef, iktar u iktar meta id-djamant ta' dan ic-curkett gie deskritt minn Victor Azzopardi Jewellers bhala "flawless". Meta l-appellanti ighid li ma kienx kapaci jaghmel din id-distinzjoni, ma jitwemminx. Tant kellu suspett li dak li kien qed jixtri kellu valur ikbar u li seta' gej minn provenjenza illecita illi sahansitra lanqas biss irregistrah fil-ktieb tieghu, fejn inissel id-dettalji tal-persuna li qed tbiegh l-oggett, kif solitu jaghmel u lanqas hawnhekk ma jitwemmen meta ighid illi seta' nesa jaghmel dan bi svista. Mill-atti ukoll jirrizulta illi Ambinette avvicinat lill-appellanti biex tbiegh ic-curkett dak in-nhar stess li serqitu. Izda fuq kollox l-appellanti lanqas jaghti spjegazzjoni ta' dak li ghamel bic-curkett li akkwista u ghalkemm fl-istqarrija tieghu ighid illi id-deheb solitu ibieghu lil certu Leli Zammit minn San Gwann li imbaghad jesportah, madanakollu ma iressaqx l-icken prova dwar jekk fil-fatt dan ic-curkett bieghux lil din il-persuna jew lil xi persuna ohra u ghal liema prezz. Gjaldarba l-appellanti ha l-pedana tax-xhieda huwa kellu jipprova sal-grad tal-probabbli dak affermat minnu u iressaq kull prova li b'xi mod tista' isejjes l-affermazzjonijiet tieghu, grad ta' prova li fil-fehma ta' din il-Qorti ma jilhaqhiex.

Mill-atti imbaghad jirrizulta illi kien l-appellanti stess li ghamel stima ta' 60 ewro u iddecieda ihallas lil Ambinette dan l-ammont ghac-curkett meta lanqas talabha informazzjoni dwar il-provenjenza tieghu, u mil liema metall u hagar prezzjuz kien maghmul. Ambinette halliet kompletament f'idejh u dan minn naha tieghu approffita ruhu minnha. Inoltre ghalkemm l-appellanti jistqarr illi l-fossa tad-

djamant kienet matta ghax qatt ma tnaddfet u allura ma setax jinduna li din kienet djamant, Ambinette fix-xhieda taghha tghid l-fossa kienet tleqq biex b'hekk ixejjen ukoll din l-iskuza. Fuq kollox ghalkemm jidher illi ic-curkett kien tad-deheb abjad tant li Ambinette tistqarr li hasbitu tal-fidda, jidher illi l-appellanti kien kapaci jaghraf it-tip ta' metall u kif ighid hu hallasha il-prezz tad-deheb ghalih u mhux bhala wiehed tal-fidda. Minn dan johrog allura illi l-appellanti kien jaf ben tajjeb x'kwalita ta' curkett kien izda konvenjentement jistqarr illi il-hagra ma gharafhiex ghax ma jifhimx. Kien jaf ukoll li Ambinette ma akkwistatux bis-sewwa u riedet tehles minnu minnufih tant illi urietu li lanqas kienet taf x'kwalita kien u accettat kwalunkwe ammont li huwa ghaddhielha minghajr ma qaghdet thaqqaqha mieghu.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tistqarr illi ma tista' isisb l-ebda mottiv li jista' iwassalha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u ghalhekk dan l-aggravvju dwar l-apprezzament tal-provi qed jigi michud.

Illi fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti din il-Qorti tqies illi din taqa' sew fil-parametri dettati mill-ligi. Mhux biss izda l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi kellha tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza u mhux wahda effettiva. Madanakollu din il-Qorti tqies illi ma tistax tghaddi biex tapplika il-provvedimenti ta'l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta'l-appellanti billi din il-kundanna diga' saret fil-konfront ta' Maria Tereza Ambinette u cioe' il-persuna li effettivament ikkomettiet is-serqa u li kieku din il-Qorti kellha tapplika dan il-provvediment mill-gdid id-derubat jispicca jigi ikkumpensat doppjament ghat-telfa subita minnu.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tikkonferma is-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellanti hati ta'l-ewwel imputazzjoni u illiberatu mit-tieni u fejn din b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ikkundannatu ghal perijodu ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin, izda tvarja

il-piena inflitta billi thassarha fejn l-Ewwel Qorti applikat il-provvedimenti ta'l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta'l-appellanti.

(FT)Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur